# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 5**
**Ċitazzjoni Numru 134/1999/2**

**Eugenia mart Carmelo Buttigieg; u l-istess Carmelo Buttigieg, tant f'ismu proprju għal kull interess li jista' jkollu kif ukoll bħala mandatarju tal-imsiefra Filomena *sive* Phillis mart Sammy Buttigieg**

***v.***

**Joseph Xuereb; Maria mart Joseph Borg; Loreta mart Ġanni Azzopardi; David Xuereb; Nazzareno Xuereb u Dr Aaron Attard Hili li b'dikriet tat-22 ta' Settembru 1999 inħatar kuratur deputat sabiex jidher għall-imsiefer Stiefnu Xuereb, u b'dikriet tas-6 ta' Mejju 2005 Dr Aaron Attard Hili ġie sostitwit b'Dr Mario Scerri; u b'dikriet tat-2 ta' Frar 2017 Dr Mario Scerri inħatar kuratur *ad litem* tal-wirt battâl tal-mejjet konvenut Stiefnu Xuereb**

1. Dan huwa appell tal-konvenuta Loreta Azzopardi minn sentenza *in parte* mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni

Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-8 ta' Ġunju 2017 li biha ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni li ressqet l-istess konvenuta taħt l-artt. 845,1823, 2140 u 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: il-ġenituri tal-partijiet, il-konjuġi Lorenzo u Carmela Xuereb, mietu fis-6 ta' Lulju 1987 u fid-19 ta' Frar 1999 rispettivament. Huma rregolaw il-wirt tagħhom b'żewġ testmenti *unica charta*: l-ewwel wieħed tal-15 ta' Novembru 1971 fl-atti tan-Nutar Ġużeppi Cauchi u t-tieni wieħed tat-2 ta' Ġunju 1987 fl-atti tan-Nutar Michael Refalo. Wara l-mewt ta' żewġha, Carmela Xuereb għamlet testment ieħor fl-atti tal-istess Nutar Michael Refalo fl-14 ta' Mejju 1991.

3. Matul ħajjithom, fit-31 ta' Awissu 1965, il-ġenituri konjugi Xuereb kienu assenjaw b'titolu ta' donazzjoni *propter nuptias* lil binthom il-konvenuta Loreta Azzopardi sit fabbrikabbli f'Għajnsielem, Għawdex. Il-konvenuta u żewġha kienu mbagħad bnew fuq din l-art id-dar fejn joqogħdu.

4. Peress li l-ġenituri ma kinux eżentaw lill-konvenuta Loreta Azzopardi mill-obbligu tal-kollazzjoni tal-proprjetà mogħtija lilha b'donazzjoni, la fil-kuntratt ta' donazzjoni stess, la fit-testmenti u lanqas f'xi att pubbliku ieħor, l-atturi fetħu l-kawża tallum u, fost ħwejjeġ oħra, talbu illi l-qorti:

> »1. tillikwida l-beni ġà formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Lorenzo u Carmela Xuereb billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, inkluż il-kollazzjoni illi għandha ssir minn Loreta Azzopardi tal-immobbli donat lilha bis-saħħa tal-kuntratt [fl-atti tan-Nutar] John Busuttil fuq ċitat.«

5. Il-konvenuta appellanti Loreta Azzopardi ressqet eċċezzjonijiet, fost oħrajn, ta' preskrizzjoni taħt l-artt. 845,1823, 2140 u 2143 tal-Kodiċi Ċivili.

6. B'dikriet tal-25 ta' April 2017 l-ewwel qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar dawn l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni, u mbagħad, bis-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017 li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet dawk l-eċċezzjonijiet, bl-ispejjeż, għal raġunijiet li ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Ikkunsidrat:
>
> »illi din is-sentenza parzjali tirrigwarda d-diversi eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuta Loreta Azzopardi. L-ewwel eċċezzjoni relattiva tirrigwarda l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 1823 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jistipula li:
>
>> »"(1) L-azzjoni għat-tnaqqis jew għar-rivendikazzjoni, sew kontra d-donatarji kemm kontra t-terzi, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq ħames snin min dak in-nhar tal-ftuħ tas-suċċessjoni.
>>
>> »"(2) Iż-żmien hawn fuq imsemmi jimxi wkoll kontra l-minuri u l-interdetti."
>
> »Huwa ferm importanti li jiġi nnotat li dan l-artikolu jifforma parti mis-sub-titolu VI tal-Kap. 16 li jirrigwarda t-tnaqqis ta' donazzjonijiet għall-fini ta' komputazzjoni tas-sehem riservat (dari leġittima) lill-ulied jew dixxendenti oħra. Fil-każ in eżami m'għandha l-ebda talba għal dan is-sehem riservat, imma pretensjoni da parti tal-atturi li għandha ssir kollazzjoni mill-konvenuta Loreta Azzopardi tal-art li kienet ġiet donata lilha mill-ġenituri tagħha, u dan għaliex qatt ma kienet saritilha xi eżenzjoni minn dan l-obbligu tal-kollazzjoni...
>
> »… … …
>
> »Għalhekk, huwa evidenti li din l-eċċezzjoni ma tapplikax għall-każ in eżami.
>
> »Il-konvenuta Loreta Azzopardi teċċepixxi ukoll il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 845 tal-Kap. 16 li jgħid li:
>
>> »"(1) L-azzjoni biex tintalab wirt, legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni."
>
> »Fil-kawża <u>Darmanin *noe v.* Cordina *et*</u> (kollez. Vol.XXIX.I.57) il-Qorti tal-Appell affermat il-prinċipju illi biex wieħed mill-koeredi jkun jista' jeċċepixxi din il-preskrizzjoni deċennali kontra l-koeredi l-oħra jeħtieġ ukoll illi hu jipposjedi l-assi kollha tal-wirt; u li ħadd mill-koeredi l-oħra ma jkun ippossjeda l-eredità tal-mejjet: l-eredità meħuda fis-sens tal-liġi sew bħala rappreżentanza ġuridika kemm ukoll bħala *patrimonio*

*ereditario* jew bħala *jus universum*. Dan għaliex mal-mewt tad-*decujus*, il-pussess jgħaddi immedjatament u awtomatikament fis-suċċessuri tiegħu kollha.

»Il-kawża presenti tirrigwarda talba għad-diviżjoni ta' beni provenjenti mill-assi ereditarji tal-mejtin Lorenzo u Carmela konjugi Xuereb u l-immissjoni fil-pussess ta' xi prelegati mħollijin lil uħud mill-kontendenti. Il-konvenuta Loreta Azzopardi mhix tippretendi u qatt ma pretendiet li kienet qed tipposjedi l-assi kollha appartenenti l-eredità tal-ġenituri tagħha, imma biss dak li kien ġie mogħti lilha bħala dota. Anzi fin-nota tal-eċċezzjonijiet oriġinali tagħha ma topponix għad-diviżjoni mitluba. Għalhekk din l-eċċezzjoni lanqas ma hi applikabbli għall-każ in eżami.

»L-istess konvenuta teċċepixxi wkoll il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2140 tal-Kap. 16 li fl-ewwel sub-inċiż tiegħu jipprovdi li:

> »"(1) Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà, jipposjedi ħaġa immobbli għal żmien ta' għaxar snin, jakkwista l-proprjetà tagħha."

»Huwa minnu illi Loreta Azzopardi kellha l-pussess tal-art li fuqha bniet id-dar tagħha sa minn meta sar il-kuntratt ta' dota fil-31 ta' Awissu 1965. Jirriżulta però, minn kliemha stess, li hija dejjem ipposediet din l-art bis-saħħa ta' dan il-kuntratt, u qatt ma kien hemm xi introversjoni tal-pussess li jeħtieġ att pożittiv ta' opposizzjoni li in forza tiegħu s-sid jitpoġġa fuq avviż li l-persuna l-oħra m'għadhiex tirrikonoxxi t-titolu tiegħu iżda minflok qiegħda tippretendi illi dak li qabel kien tiegħu issa sar proprjetà tagħha. Ġaladarba, għalhekk, id-donazzjoni li kienet saret b'dan il-kuntratt baqgħet dejjem soġġetta għall-kollazzjoni, u d-donatarja qatt ma ppretendiet li kienet qed tippossjedi b'xi titolu ieħor għaż-żmien rikjest mil-liġi, ma jistax jingħad li d-dritt tal-koeredi l-oħra li jesiġu li ssir din il-kollazzjoni fl-okkażjoni tad-diviżjoni tal-assi ereditarji tal-ġenituri tagħhom ġie preskritt taħt dan l-artikolu tal-liġi.

»Fl-aħħar nett Loreta Azzopardi eċċepiet il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li:

> »"L-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti jaqgħu bil-pre-skrizzjoni għeluq tletin sena, u ebda opposizzjoni għall-preskrizz-joni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi."

»Għalkemm, kif rajna, Loreta Azzopardi kien ilha li ħadet il-pussess tal-art dotata lilha, kif soġġetta għall-kollazzjoni, sa mid-data tal-kuntratt tal-31 ta' Awissu 1965, it-talba għad-diviżjoni tal-assi ta' Lorenzo Xuereb, u għalhekk anke għall-kollazzjoni ta' din l-art fil-massa ereditarja, setgħet issir biss mid-data tal-mewt tiegħu li seħħet fis-6 ta' Lulju 1987. Sa dakinhar il-preskrizzjoni kienet neċessarjament għadha sospiża. Għalhekk ma kinux għadhom għaddew it-tletin sena rikjesti mil-liġi għal din il-preskrizzjoni meta ġiet intavolata din il-kawża fis-6 ta' Settembru 1999. Wisq inqas kien laħaq għadda l-istess żmien minn meta mietet Carmela Xuereb fid-19 ta' Frar 1999.«

7. Wara li ngħatat il-permess meħtieġ taħt l-art. 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-konvenuta Loreta Azzopardi ressqet appell b'rikors tat-12 ta' Lulju 2017 li għalih l-atturi wieġbu fit-

28 ta' Lulju 2017 u l-Avukat Mario Scerri *nomine* wieġeb fit-28 ta' Mejju 2018.

8. L-ewwel aggravju jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 845. L-appellanti tgħid illi l-eċċezzjoni kellha tintlaqa' għax kien hemm l-elementi kollha meħtieġa għalhekk, *viz.* (i) li l-azzjoni saret biss dwar l-immobbli mogħti lilha b'donazzjoni, billi ma hemmx proprjetajiet oħra fil-wirt; u (ii) l-immobbli ilu fil-pussess tagħha għal aktar minn għaxar snin wara l-ftuħ tal-wirt tal-missier. Kompliet tfisser dan l-ewwel aggravju tagħha hekk:

> »Illi fl-ewwel lok, l-appellanti tħossha aggravata mill-fatt illi l-ewwel onorabbli qorti qalet li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili ma tapplikax għaliex "biex wieħed mill-koeredi jkun jista' jeċċepixxi din il-preskrizzjoni deċennali kontra l-koeredi l-oħra jeħtieġ ukoll illi hu jipposjedi l-assi kollha tal-wirt".
>
> »Dana l-artikolu 845 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:
>
>> »"(1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.
>>
>> »"(2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief għeluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ."
>
> »L-esponenti taqbel mal-osservazzjoni magħmula mill-ewwel qorti dwar x'elementi kellhom jiġu sodisfatti pruvati għas-suċċess ta' din il-preskrizzjoni. Hija taqbel li għal dan il-fini kien jeħtieġ li min ikun qed jeċepixxi jkollu l-pussess tal-assi kollha tal-wirt, u, kif se jiġi spjegat, dan l-element ġie ppruvat f'dan il-każ. Fil-fatt, fin-nota ta' sotto-missjonijiet tagħha preżentata quddiem l-ewwel onorabbli qorti, l-esponenti stess irriferiet għall-ġurisprudenza fejn ingħad li biex tapplika l-preskrizzjoni provduta bl-artikolu 845 għandu jirriżulta li l-proprjetà li għandha tkun fil-pussess ta' min jeċċepixxi tali preskrizzjoni għandu "ikun żamm f'idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja" (*vide* <u>Josephine Borg u Helen Borg Bonnici *v.* Joseph Bianco</u> u <u>Ignazia Degabriele *v.* Joseph Attard *et*</u>, Prim' Awla, Qorti Ċivili (JRM) – 23 ta' Ġunju 2005).
>
> »Iżjed minn hekk, fil-kawża fl-ismijiet <u>Azzopardi Rev Patri Franġisku *et v.* Cauchi Maria Hilda</u> deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili fl-14 ta' Ottubru 2004 ingħad li:
>
>> »"Hi tinvoka l-artiklu 845 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li l-azzjoni biex jintalab wirt jew legat tispiċċa bl-għeluq ta' 10 snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni. Din il-preskrizzjoni, però, ma tiddependix biss fuq

> il-perkors taż-żmien, iżda min jeċċepiha irid juri li kien fil-pussess tal-oġġett *animo domini* u *in buona fede*. Dan l-artikolu ġie spjegat fis-sens li, barra mill-element taż-żmien, hemm bżonn li jiġi pruvat anke l-element attiv tal-pussess u dan il-pussess irid ikun mhux sempliċement każwali, iżda irid ikun pussess formali …"

»Illi fil-kawża fl-ismijiet Pauline Debono *v.* Maria Vincenza Brincat deċiża fit-28 ta' Frar 2017 mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili fost oħrajn ingħad ukoll li:

> »"Il-prinċipju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawżi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, għaż-żmien ta' għaxar snin, ikun żamm f'idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja.
>
> »"Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni maħsuba f'dak l-artikolu, ingħad li persuna li ma żżommx għandha ħwejjeġ jew assi minn wirt bħala tagħha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-għaxar snin tal-*petitio hereditatis* li dwarha jitkellem l-artikolu taħt eżami. Difatti fil-kawża Josephine Borg *et v.* Joseph Bianco deċiża fis-27 ta' Ġunju 2008 mill-Qorti tal-Appell reġa' kkonferma l-prinċipji fuq ribaditi u kompla 'Konsegwentement dak il-pussess għandu jkun reali u mhux biżżejjed pussess *di diritto* (Camilleri *v.* Camilleri, deċiża minn din il-qorti fl-14 ta' Novembru 2000)'.
>
> »"Illi huwa stabbilit li biex tirnexxi l-eċċezzjoni taħt l-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (bħalma huwa meħtieġ f'kull każ ta' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni akkwiżittiva) irid jintwera li min ikun ġie mfittex biex irodd il-ħaġa mħollija b'wirt (x'aktarx, iżda mhux bilfors, taħt titolu partikolari) lill-parti attriċi, irid ikun żamm pussess sħiħ tal-ħaġa mitluba daqs li kieku kienet tiegħu (*animo domini*) għaż-żmien ta' għaxar snin, ikun żamm f'idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja."

»L-istess intqal f'Paolo Camilleri *v.* Antonio Camilleri deċiża mill-Prim'Awla fis-16 ta' Mejju 1983; Salvino Ellul Bonnici *v.* Marquis Paolo Apap Bologna *et noe* deċiża fid-29 ta' Mejju 1957 mill-Prim'Awla Qorti Ċivili; Borg *v.* Zammit, Appell Ċivili deċiża fit-28 ta' Marzu 1995; u Ellul John *v.* Maria Parnis *et*, deċiża fl-14 ta' Jannar 2014 mill-Prim'Awla Qorti Ċivili.

»L-esponenti nnutat ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li ġaladarba din il-preskrizzjoni hija ta' natura akkwiżittiva, sabiex tirriżulta fondata jrid jirriżulta li l-attur baqa' inerti għaż-żmien rikjest mill-artikolu biex jitlef id-dritt tiegħu u, apparti għall-element passiv taż-żmien, kellu jirriżulta wkoll l-element attiv tal-pussess da parti tal-konvenut sabiex tali eċċezzjoni tirnexxi …

»Però, dawn l-elementi ġew kollha pruvati fil-każ odjern bil-konsegwenza li din l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 845 kellha tiġi milqugħa:

»Illi f'dan ir-rigward huwa sottomess fl-ewwel lok li ma hemmx dubju li f'din il-kawża l-azzjoni ereditarja ttieħdet biss fil-konfront tal-fond residenzjali tal-esponenti … għaliex huwa jikkonsisti fl-unika proprjetà parti mill-wirt tal-konjugi Xuereb. Jidher ċar li l-atturi ma jippretendu xejn f'din il-kawża ħlief li jieħdu dak li jippretendu li huwa sehemhom mill-fond tal-esponenti u għalhekk huma stess qed jammettu li s-sit in kwistjoni huwa l-unika proprjetà li ġejja mill-wirt.

»Mill-atti tal-kawża rriżulta li din hija l-uniku proprjetà li ngħad li hemm fil-wirt, u l-esponenti ma tistax tifhem kif l-ewwel qorti dehrilha li kellha tifhem li hemm iktar proprjetajiet in diviżjoni minn hekk.

»Għalkemm da parti tagħhom l-atturi tefgħu kummenti fin-nota ta' sottomissjonijiet preżentata minnhom quddiem l-ewwel qorti fis-sens li "… hija kienet fil-pussess biss u esklużżivament ta' immobbli partikolari formanti parti minn dik l-eredità …", huma ma qalux xi proprjetajiet oħra hemm in diviżjoni. Dana għaliex fil-fatt m'hemm l-ebda proprjetà oħra x'allegatament tinqasam.

»L-atti tal-kawża stess juru dan. Tant ġie meqjus li dan il-fond biss li hemm x'jiġi diviż, li meta ntbagħat perit tekniku biex jagħmel stima tal-fondi li hemm in diviżjoni huwa ġie nkarigat biss biex jagħmel stima ta' dan il-fond in kwistjoni biss, u ta' assolutament l-ebda proprjetà oħra.

»*Inoltre*, id-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula minn Eugenia Buttigieg b'atti tas-6 ta' Frar 2007 atti Nutar Christian Zammit (esebita *a fol.* 132 tal-proċess) ukoll tikkonferma li l-unika proprjetà li skond hi kien hemm in diviżjoni tikkonsisti fil-fond …

»Da parti tagħha, fl-*affidavit* tagħha, Loreta Azzopardi stess stqarret li l-unika proprjetà li jista' jitqies li hemm in diviżjoni tikkonsisti f'dan il-fond tagħha.

»Għaldaqstant ma hemmx dubju li dan l-uniku fond li ttieħdet din l-azzjoni ereditarja fil-konfront tiegħu huwa l-uniku fond parti mill-eredità.

»Apparti għall-fatt li ġie ppruvat li dan il-fond jikkonsisti fl-unika proprjetà li hemm x'tinqasam bejn il-partijiet, l-element tal-pussess ġie wkoll pruvat fil-każ odjern, u dana kemm minn dak li qalu d-diversi xhieda prodotti mill-esponenti u kif ukoll minn dak li qalu l-atturi stess.

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet preżentata minnha quddiem l-ewwel onorabbli qorti, l-esponenti ġà rreferiet u kwotat uħud minn dawn ix-xhieda u għall-fini ta' ripetizzjoni inutli hija qed tagħmel riferenza għalihom. Fost ix-xhieda kwotati kien hemm dawk ta' (i) Loreta Azzopardi nnifisha, li spjegat li hija akkwistat b'kuntratt ta' donazzjoni *propter nuptias* (dota) mingħand il-ġenituri tagħha Lorenzo u Carmela Xuereb, l-art fabbrikabbli fi Triq il-Ġnien, Għajnsielem fejn bniet id-dar tagħha … u għexet sallum il-ġurnata, kif ukoll li hija kienet ilha fil-pussess ta' din il-biċċa art sa minn mindu sar dan il-kuntratt u dejjem qisitha bħala tagħha u li ħadd qatt ma ppretenda xi dritt fuq l-art in kwistjoni sa meta saret il-kawża odjerna; (ii) żewġha Ġanni Azzopardi li xehed fl-istess sens; (iii) bintha Phyllis Portelli li twieldet u trabbiet fid-dar … li inbniet fuq l-art in kwistjoni, u li da parti tagħha stqarret li hija dejjem taf lill-ġenituri tagħha jgħixu ġo din id-dar u li għadhom jagħmlu dan sal-ġurnata tal-illum; kif ukoll (iv) xhieda barranin bħal Theresa Zerafa li stqarret li: "Minn meta bnew id-dar tagħhom, Loreta u Ġianni, konjuġi Azzopardi, dejjem għexu f'din id-dar weħidhom u bil-familja tagħhom, u ħadd ħliefhom ma kellu din id-dar f'idejh"; (v) Josephine Buttigieg li hi wkoll ġâra tal-esponenti u fl-*affidavit* tagħha kkonfermat l-istess fatti: "… Loretta u Ġanni, konjuġi Azzopardi, ilhom f'pussess reali ta' din id-dar minn meta din ġiet donata li Loretta Azzopardi. Sa minn meta bnewha, dejjem għexu f'din id-dar flimkien mal-familja tagħhom, u ma naf lil ħadd jgħix u juża d-dar tagħhom ħliefhom"; (vi) xhieda oħra barranin bħalma huma Maria Xuereb u

Mary Galea. Dawn ix-xhieda ġew kollha riferuti u kwotati fid-dettall fin-nota ta' sottomissjonijiet preżentata quddiem l-ewwel qorti.

»Effettivament, l-element attiv tal-pussess formali ġie pruvat li eżista b'mod esklussiv u ininterrot għal aktar minn 30 sena. Da parti tagħhom, l-atturi fil-kawża odjerna qatt ma qajjmu dubju fuq il-fatt li Loreta kellha l-pussess esklussiv u ininterrott minn meta hija akkwistat din l-art mingħand il-ġenituri tagħha permezz tal-kuntratt ta' donazzjoni *propter nuptias* (dota) fl-atti tan-Nutar John Busuttil tal-31 ta' Awissu 1965. Konsegwentament il-pussess formali rikjest mill-artikolu 845 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ġie wkoll ppruvat.

»Mingħajr dubju anke l-element passiv taż-żmien ġie pruvat fil-każ odjern fil-konfront tas-suċċessjoni ta' Lorenzo Xuereb, u dana kemm minn dak li qalu d-diversi xhieda prodotti mill-esponenti u kif ukoll minn dak li qalu l-atturi stess. U dana peress lim qabel ma ġiet intavolata din il-kawża, l-atturi m'għamlu xejn li permezz tiegħu setgħu interrompew id-dekors tal-preskrizzjoni. Huma m'għamlu xejn biex jippruvaw juru lill-konvenuta Loreta Azzopardi li kienu se jivvantaw xi pretensjonijiet fuq il-fond tal-proprjetà tagħha, u l-allegazzjoni magħmula minnhom f'din il-kawża kienet sorpriża kbira għaliha.

»Illi minn meta nfetħet is-suċċessjoni ta' Lorenzo Xuereb, *ossia* fis-sena 1987, sa meta inbdiet il-kawża odjerna, u *cioè* fis-6 ta' Settembru tas-sena 1999, kienu ġà għaddew aktar minn għaxar snin. Għal-daqstant l-għaxar snin li kellhom jgħaddu sabiex din l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tkun applikabbli għaddew u ġew pruvati.

»Konsegwentement, ma hemmx dubju li dan huwa l-uniku fond li ttieħdet din l-azzjoni ereditarja fil-konfront tiegħu għaliex huwa l-uniku fond parti mill-eredità. Dan il-fond kien dejjem fil-pussess tal-esponenti għaż-żmien ta' għaxar snin mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni tal-missier Lorenzo Xuereb, u f'dan iż-żmien l-eredi ma għamlu xejn biex jopponu tali preskrizzjoni. Għalhekk ma hemmx dubju li, fir-rigward ta' sehem il-missier, l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' dan l-artikolu 845.«

9. Ma huwiex għalkollox eżatt dak li tgħid l-appellanti illi fil-wirt hemm biss il-fond li tiegħu qiegħda tintalab il-kollazzjoni, għax, kif tistqarr l-appellanti stess fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha[1], hemm ukoll xi mobbli li ma humiex f'idejha. Għalkemm bħala immobbli hemm biss il-fond *de quo*, il-fond ma huwiex il-beni kollha tal-wirt. Għalhekk ma tistax tgħid illi għandha pussess tal-assi ereditarju kollu. Lanqas ma jista' jingħad illi l-appellanti għandha l-pussess weħedha "ta' dik il-parti [tal-wirt] li dwarha titmexxa … l-azzjoni ereditarja", għax stretta-

---

1 »… l-atturi u l-konvenuti l-oħra jridu qabel xejn jikkollazzjonaw l-oġġetti mobbli, inklużi dehbijiet u ħaġar prezzjuz, vetturi, għamara, kif ukoll flus illi huma rċevew b'donazzjoni mingħand il-ġenituri tagħhom.«.

ment dak li qegħdin jitolbu l-atturi ma huwiex sehem mill-fond innifsu iżda illi l-konvenuta tgħodd id-donazzjoni akkont ta' sehemha mill-wirt li għadu ma nqasamx.

10. Għa dawn ir-raġunijiet l-azzjoni ma tintlaqatx bil-preskrizzjoni taħt l-art. 845 tal-Kodiċi Ċivili, u l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

11. It-tieni aggravju jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' użukapjoni taħt l-art. 2140 tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenuta tgħid illi kisbet pussess tal-fond għax għandha titolu u pussess *in bona fide* għal aktar minn għaxar snin. Tkompli tfisser dan it-tieni aggravju tagħha hekk:

> »Illi fit-tieni lok, l-appellanti tħossha aggravata mill-fatt illi l-ewwel onorabbli qorti qalet li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2140 tal-Kodiċi Ċivili ma kenitx tapplika għal dan il-każ għaliex il-qorti qalet li qatt ma kien hemm xi introversjoni tal-pussess u li "d-donazzjoni li kienet saret b'dan il-kuntratt baqgħet dejjem soġġetta għall-kollazzjoni, u d-donatarja qatt ma ppretendiet li kienet qed tippossjedi b'xi titolu ieħor, għaż-żmien rikjest mil-liġi".
>
> »Huwa sottomess però li l-esponenti ma taqbilx ma dan il-kumment tal-qorti.
>
> »Illi l-artikolu 2140 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:
>
>> »"(1) Kull min b'bona fidi u b'titolu tajjeb biex jittrasferixxi l-proprjetà, jipposjedi ħaġa immobbli għal żmien ta' għaxar snin, jakkwista l-proprjetà tagħha.
>>
>> »"(2) Jekk it-titolu jkun ġej minn att li, skont il-liġi, għandu jkun inskritt fir-Reġistru Pubbliku, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni ma jibdiex miexi ħlief mill-jum tal-iskrizzjoni ta' dak l-att."
>
> »Dan l-artikolu jipprovdi li persuna ssir sid ta' ħaġa immobbli li hi tkun kisbet b'titolu li jgħaddi l-proprjetà u li tkun żammet għandha bħala sid, b'bona fidi u għal żmien ta' mhux anqas minn għaxar snin li jibdew jgħaddu minn dakinhar li l-att li bih inħoloq it-titolu jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.
>
> »Għaldaqstant, l-esponenti tissottometti li ġaladarba f'dan il-każ iddekorra t-terminu ta' għaxar snin ta' pussess *in buona fede* mid-data tal-att tad-dota sa meta nfetħet din il-kawża, ma jista' jsir xejn mill-atturi odjerni biex b'xi mod tittieħed xi parti mill-proprjetà in kwistjoni, jew xi valur relattiv għaliha.
>
> »Mil-lat legali huwa sottomess li biex tirnexxi din il-preskrizzjoni huwa meħtieġ li l-bona fidi, flimkien mal-pussess, itulu għaż-żmien kollu li huwa meħtieġ għall-preskrizzjoni; iżda n-nuqqas ta' bona fidi ta' possessur preċedenti m'hijiex ta' ħsara għas-suċċessur tiegħu,

għalkemm iż-żmien tal-pussess b'mala fidi ma jintgħaddx maż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni.

»F'Muscat Henry et vs. Grech Alfred et deċiża fis-27 ta' Frar 2003, il-Prim'Awla spjegat li l-bona fidi tikkonsisti fil-fehma sħiħa li persuna hija tassew, jew temmen li hija tassew, sid il-ħaġa li għandha f'idejha. Din il-fehma trid titqies minn kif iċ-ċirkostanzi kienu jidhru f'għajnejn il-persuna li ssejjaħ favuriha l-preskrizzjoni akkwiżittiva. Kull dubju jew nuqqas ta' ċertezza f'persuna dwar il-pussess tagħha tal-ħaġa jitqies bħala ċ-ċaħda tal-bona fidi, bħalma daqstant ieħor jitqies nieqes mill-bona fidi min imissu raġonevolment jintebaħ miċ-ċirkostanzi li l-ħaġa li għandu f'idejh hija ta' ħaddieħor. Min-naħa l-oħra, il-bona fidi hija preżunta sakemm ma jintweriex mod ieħor minn min jallega l-mala fidi.

»Element ieħor meħtieġ biex tirriżulta l-preskrizzjoni tal-għaxar snin huwa l-pussess. Mhux kull pussess jgħodd għas-suċċess ta' preskrizzjoni bħal din: irid ikun pussess li ma jaqtax, bil-miftuħ, bla xkiel jew kundizzjonijiet minn ħaddieħor u , fuq kollox, irid ikun b'mod li l-pussessur jidher li qiegħed iżomm il-ħaġa b'tiegħu.

»Deċiżjoni li ssottolinjat l-elementi rikjesti mill-Artikolu 2140 kienet dik mogħtija fl-ismijiet Mercury plc vs. Muscat Emanuel sive Manuel et fl-20 ta' Ottubru 2005 mill-Prim'Awla:

»...

»Għalhekk, mis-suespost jirriżulta li sabiex ikun hemm preskrizzjoni akkwiżittiva, irid jiġi ppruvat il-bona fidi, u akkwist tal-pussess b'titlu tajjeb għal tul ta' 10 snin.

»Fil-każ odjern, l-esponenti hija tal-fehma li hija ssodisfat l-elementi kollha rikjesti għall-applikazzjoni tal-artikolu 2140 tal-Kapitolu 16:

»i. Titolu li jgħaddi l-proprjeta' ta' ħaġa immobbli – It-titolu li bih għaddiet il-proprjeta' ta' din l-art mertu ta' din il-kawża lill-esponenti huwa proprju l-kuntratt ta' donazzjoni propter nuptias datat 31 ta' Awwissu 1965 fl-atti tan-Nutar John Busutill.

»ii. Pussess ta' din il-proprjeta' bħala sid – l-esponenti xehdet li hija ilha fil-pussess ta' din il-biċċa art sa minn mindu sar dan il-kuntratt u dejjem qiesitha bħala tagħha.

> »"Kif sar dan il-kuntratt, jien u żewġi immedjatament bdejna nibnu fuq din l-art din id-dar ta' residenza tagħna li ġġib l-isem 'Lorjon' fi Triq Ġnien, Għajnsielem, Għawdex. Il-bini tad-dar dam madwar sena. Kif tlesta l-bini, jien u żewġi morna noqgħodu ġo din id-dar...
>
> »Minn meta dħalna ġo din id-dar, konna jien u żewġi, bil-familja tagħna, li unikament għexna f'dan il-post, u dana baqa' jseħħ sal-ġurnata tal-llum. Ħadd ħliefna ma kellu din id-dar f'idejh. U sakemm ma ġietx preżentata din il-kawża ħadd ma kien qed jippretendi xejn minnha." (Vide l-affidavit tal-esponenti)

»Kif ingħad iktar 'il fuq, kienu wkoll diversi x-xhieda u provi li kkonfermaw mingħajr ebda dubju, u mingħajr ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenuti, ta' dan l-element ta' pussess kontinwu u ininterrott.

»Dan ikkonfermatu ukoll l-Ewwel Onorabbli Qorti meta qalet li:

> »“Huwa minnu illi Loreta Azzopardi kellha l-pussess tal-art li fuqha bniet id-dar tagħha sa minn meta sar il-kuntratt ta’ dota fil-31 ta’ Awwissu 1965.”

»iii. Bona fidi – Il-bona fidi hija preżunta u għalhekk, trid titressaq xi tip ta’ prova li da parti tagħha, l-esponenti u żewġha kellhom xi mala fidi.

»Madanakollu, f’dan il-każ irriżulta wkoll li kulħadd inklużi l-atturi kienet jafu li din l-art kienet qed tappartjeni lill-esponenti tant li minkejja li bniet id-dar tagħha fiha, ħadd ma oppona għal tali bini:

> »“Minn meta dħalna ġo din id-dar, konna jien u żewġi, bil-familja tagħna, li unikament għexna f’dan il-post, u dana baqa’ jseħħ sal-ġurnata tal-llum. Ħadd ħliefna ma kellu din id-dar f’idejh. U sakemm ma ġietx preżentata din il-kawża ħadd ma kien qed jippretendi xejn minnha.” (Vide l-affidavit tal-esponenti)

»Loreta Azzopardi bniet u għexet f’din id-dar bħala esklussivament tagħha u qatt ma kellha l-inqas ħsieb fis-sens li xi ħadd kien sejjer jirreklama xi drittijiet fuqha.

»Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ, jirriżulta li fl-għaxar snin relevanti għall-preskrizzjoni abbażi tal-artikolu 2140, l-esponenti kienet taħseb li l-art li fuqha bniet id-dar tagħha kienet tappartjeni lilha, u li ħadd ma kellu xi tip ta’ drittijiet fuqha. Illi li kieku kienet in mala fidi hija kienet tipprova tagħmel dan il-kuntratt qabel ma inbdiet il-kawża odjerna.

»iv. Żmien ta’ mhux anqas minn għaxar snin li jibdew jgħaddu minn dak inhar li l-att li bih inħoloq it-titolu jiġu reġistrat fir-Reġistru Pubbliku – Il-kuntratt in kwistjoni sar fis-sena 1965 u ġie nsinwat ftit wara (preċiżament fis-7 ta’ Settembru 1965 u r-riferenza tal-insinwa hija 186/1965) u għalhekk, altru li għaddew l-għaxar snin rikjesti f’dan l-artikolu għas-suċċess ta’ din il-preskrizzjoni.

»Għaldaqstant, kollox juri li l-inkwiet dwar din l-art fabbrikabbli beda wara li kienu għaddew l-għaxar snin rikjesti taħt dan l-artikolu. In fatti, kif xehdet l-istess esponenti kien imbagħad biss fis-sena 1999 li l-atturi għamlu l-kawża odjerna li biha tqajjmu pretensjonijiet dwar din l-istess art. Iżda qabel ma’ bdew iqumu dawn il-pretensjonijiet, l-attriċi dejjem ippossediet din il-proprjeta’ b’bona fede b’mod pubbliku u uninterrott għal żmien ta’ iktar minn 10 snin, li huwa l-minimu trapass ta’ żmien rikjest ai termini ta’ dan l-artikolu.

»Għalhekk, l-elementi ta’ din l-eċċezzjoni ġew sodisfatti u ampjament ippruvati.

»Illi madanakollu, fis-sentenza tagħha, l-ewwel Onorabbli Qorti qalet li ma kien hemm qatt xi introversjoni tal-pussess u li dan kellu jsir permezz ta’ “att posittiv ta’ opposizzjoni li in forza tiegħu s-sid jitpoġġa fuq avviż li l-persuna l-oħra m’għadhiex tirrikonoxxi t-titolu tiegħu iżda minflok qegħda tippretendi illi dak li qabel kien tiegħu issa sar proprjetà tagħha.”

»Huwa sottomess pero’ li n-neċessita’ tal-introversjoni tal-pussess ma tirriżultax mill-artikolu 2140(2) tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu jipprovdi li l-elementi neċessarji u li “[j]ekk it-titolu jkun ġej minn att li, skont il-liġi, għandu jkun inskritt fir-Reġistru Pubbliku, iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni ma jibdiex miexi ħlief mill-jum tal-iskrizzjoni ta’ dak l-att.”

Fil-fatt dan l-artikolu imkien ma jipprovdi li ż-żmien meħtieġ jibda' miexi meta ssir l-introversjoni tal-pussess.

»Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, huwa sottomess li fi kwalunkwe każ l-artikoli tal-Kodiċi Ċivili li jirrigwardaw l-interversjoni tal-pussess ma japplikawx għall-fatti tal-kawża. Dawn huma l-artikoli 2118 u 2119 li jipprovdu li:

> »2118. Dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor jew il-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infishom: bħalma huma l-kerrejja, id-depożitarji, l-użufruttwarji, u, ġeneralment, dawk li ma jżommux il-ħaġa bħala tagħhom infishom.
>
> »"2119. Iżda, il-persuni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jistgħu jippreskrivu jekk it-titolu tagħhom jitbddel minħabba raġuni li tkun ġejja minn terza persuna, jew bis-saħħa tal-oppożizzjoni li huma jagħmlu għall-jedd tas-sid.

»Huwa umilment sottomess li f'dan il-każ ma kienx meħtieġ li ssir xi tip ta' opposizzjoni min naħa ta' l-esponenti fir-rigward tal-konjugi Xuereb għaliex kienu huma stess li minn rajhom daħlu għall-kuntratt ta' donazzjoni propter nuptias (dota) fl-atti tan-Nutar John Busutill tal-31 ta' Awwissu 1965. Għalhekk minn il-31 ta' Awwissu 1965 sa meta miet Lorenzo Xuereb fis-6 ta' Lulju 1987, ossia għal aktar minn għaxar snin, l-esponenti ippossediet is-sit fabbrikabbli magħruf bħala "Ta' Għajnsielem", fi Triq Ġiardina, Għajnsielem, Għawdex bħala tagħna, anka fil-konfront tal-ġenituri tagħha li qatt ma waqfuha mill-pussess u milli tibni fuq l-istess sit id-dar tagħha.

»Illi f'dak iż-żmien ma kienx hemm bżonn li jsir att posittiv ta' opposizzjoni mill-esponenti li in forza tiegħu s-sidien (il-konjugi Xuereb) jitpoġġew fuq avviż li l-persuna l-oħra (l-esponenti) m'għadhiex tirrikonoxxi t-titolu tagħhom iżda minflok qegħda tippretendi illi dak li qabel kien tagħhom issa sar proprjeta' tagħha, għaliex kienu huma stess u cioe' il-konjugi Xuereb stess li flimkien ma binthom għamlu att li bih trasferew il-proprjeta' b'titlu ta' donazzjoni u għalhekk irrikonoxxew it-titolu tal-esponenti fuq l-istess art.

»Illi kif ġie spjegat, fil-każ odjern, għall-inqas bejn is-snin 1965 (meta sar it-trasferiment) u s-sena 1987 (meta miet il-missier), l-esponenti ma kienetx qed iżżomm f'isem ħaddieħor iżda kienet qegħda fil-pussess tal-imsemmi sit fabbrikabbli għaliex l-istess ġenituri tagħha kienu b'titolu ta' donazzjoni tawha l-imsemmi sit. Hija kienet fil-pussess tas-sit u kellha kemm poter ta' fatt u anke l-ħsieb li qed tgawdi dan is-sit bħala tagħha – corpus possessionis et animus possidendi vel animus domini – u mhux li għandha l-pussess bil-bona grazzja jew tolleranza (Vide Aquilina Noe et vs Verdala Mansions Limited Ġia' Sunny Homes Limited deċiża fil-5 ta' Ottubru 2004). Żgur li ma jistax jingħad li min jingħata donazzjoni ikun qed iżomm f'isem ħaddieħor u għalhekk l-artikolu 2118 u 2119 tal-Kodiċi Ċivili ma japplikawx.

»Konsegwentement din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha għax tiġi milqugħa u applikata fil-każ odjern u din il-Qorti għandha tkun konvinta li din l-art hija proprjeta' tal-esponenti u mhux proprjeta' li hija in diviżjoni, jew li jistgħu jiġu reklamati drittijiet fuqha għaliex kif għaddew l-għaxar snin, it-titolu fuq l-imsemmi sit ma baqax biss minħabba l-att ta' d-donazzjoni, imma sar ukoll permezz tal-preskrizzjoni akkwiżittiva ai termini tal-artikolu 2140 tal-Kodiċi Ċivili.«

12. L-użukapjoni taħt l-art. 2140 ma tgħoddx għall-każ tallum, għax il-kwistjoni ma hijiex jekk il-konvenuta kisbitx il-proprjetà b'użukapjoni iżda jekk waqgħetx bi preskrizzjoni t-talba għall-kollazzjoni. Il-konvenuta kisbet il-proprjetà minnufih bis-saħħa tal-kuntratt ta' donazzjoni, u ma huwiex kontestat li hija sidt il-proprjetà. Il-pre-skrizzjoni taħt l-art. 2140 hija akkwiżittiva u tolqot l-akkwist ta' proprjetà u mhux l-estinzjoni tat-talba għal kollazzjoni.

13. Billi għalhekk il-preskrizzjoni taħt l-art. 2140 ma tolqotx l-azzjoni tallum, id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tiċħad l-eċċezzjoni kienet tajba, u l-aggravju huwa miċħud.

14. It-tielet u l-aħħar aggravju tal-appell huwa dwar il-preskrizzjoni ta' tletin taħt l-art. 2143 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellanti tgħid illi minn meta ngħatat l-art b'donazzjoni fl-1965 sa meta nfetħet l-azzjoni fl-1999 għaddew aktar minn tletin sena. Tfisser dan l-aggravju hekk:

> »Illi fit-tielet lok l-appellanti jħossuhom aggravati mill-fatt illi l-ewwel onorabbli qorti qalet li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili ma tapplikax għaliex "it-talba għad-diviżjoni tal-assi ta' Lorenzo Xuereb, u għalhekk anke għall-kollazzjoni ta' din l-art fil-massa ereditarja, setgħet issir biss mid-data tal-mewt tiegħu li seħħet fis-6 ta' Lulju 1987. Sa dakinhar il-preskrizzjoni kienet neċessarjament għadha sospiża".
>
> »Huwa sottomess però li assolutament ma jistax jingħad li f'dan il-każ kien hemm xi tip ta' sospensjoni fid-dekors tal-preskrizzjoni kif allegat mill-qorti.
>
> »Illi l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li:
>
> > »"L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni għeluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-pre-skrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew t'a bona fidi."
>
> »F'<u>Testaferrata Moroni Viani Salvino *et v.* Montanaro Francis</u> deċiża fis-27 ta' Ġunju 2003, l-Imħallef Philip Sciberras spjega dan l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa stqarr li dan l-artiklu jikkontempla li l-preskrizzjoni tista' tkun kemm akkwiżittiva kif ukoll estintiva. Sostna wkoll li l-azzjoni tal-proprjetarju biex jieħu dak li huwa tiegħu ma tistax

tiġi opposta b'sempliċi preskrizzjoni estintiva, iżda biss b'dik akkwiżittiva, konsistenti fil-pussess tal-eċċipjenti.

»Din ix-xorta ta' preskrizzjoni trentennali ma tirrikjedi la titolu u lanqas *buona fede*. Hija timporta li bis-sempliċi pussess leġittimu ta' tletin sena l-possessur tal-ħaġa jakkwista l-proprjetà tal-ħaġa posseduta minnu. B'dan il-mod tali possessur jakkwista allura l-azzjoni biex jirrivendika dik il-ħaġa kontra kwalunkwe persuna, anki kontra l-istess proprjetarju tagħha preċedenti. F'<u>Carmelo Caruana *et v.* Orsla Vella</u> deċiża fit-13 ta' Marzu 1953, il-Qorti ta' l-Appell spjegat li:

> »"Min jeżerċita l-azzjoni rivendikatorja għandu jipprova, minbarra l-pussess fil-persuna konvenuta, id-dominju fir-rivendikant. Lil min jallega l-użukopjoni triġenarju bħala bażi tad-dominju minnu vantat ma jistax jiġi oppost in-nuqqas t'titolu jew tal-*buona fede*. U l-*buona fede* mhux eskluża bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħadd ieħor; għax hu biżżejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir proprjetarju tal-ħaġa. Imma l-pussess ta' tletin sena jrid ikun leġittimu, jiġifieri kontinwu, mhux interrott, paċifiku, publiku, u mhux ekwivoku."

»Kif ingħad, din ix-xorta ta' preskrizzjoni tippresupponi l-pussess leġittimu li trid il-liġi għaż-żmien kollu tat-trentennju. Biex il-pussess jista' jissejjaħ leġittimu però, hemm bżonn li dan jirriunixxi u jħaddan fih ċerti kwalitajiet, jiġifieri li jkun wieħed kontinwu, mhux interrott, pubbliku u mhux ekwivoku ... ... ...

»Għalhekk min jeċċepixxi l-preskrizzjoni akkwiżittiva għandu jipprova kategorikament mhux biss il-pussess imma anke illi huwa ppossjeda mingħajr interruzzjoni għaż-żmien kollu ta' 30 sena preskritti mill-liġi.

»Issa fil-każ odjern, l-art in kwistjoni ġiet akkwistata mill-esponenti b'kuntratt fl-atti tan-Nutar John Busuttil tal-31 ta' Awwssu 1965, fejn il-ġenituri ta' Loreta Azzopardi kienu assenjawlha b'titolu ta' donazzjoni *propter nuptias* (dota) sit fabbrikabbli fuq liema art illum hemm mibnija d-dar … … … L-esponenti flimkien ma żewġha mill-ewwel daħlu fil-pussess tagħha, billi bdew ix-xogħolijiet ta' bini tad-dar tagħhom li damu xi sena u sussegwentement daħu joqogħdu fiha hekk kif tlestiet u għadhom sal-llum il-ġurnata jgħixu hemm. Għalhekk Loreta u żewġha kien ilhom aktar minn tletin sena fil-pussess ta' din l-art meta inbdiet il-kawża odjerna, preċiżament 34 sena.

»Illi għalhekk, totalment u rrispettivament minn dak li jipprovi l-att imsemmi tal-31 ta' Awissu 1965, mill-31 ta' Awissu 1965 l-esponenti flimkien ma żewġha kellhom il-pussess tal-art in kwistjoni bl-animu li l-art hija tal-esponenti. Dan il-pussess kien wieħed leġittimu u *cioè* kien pussess kontinwu, mhux interrott, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku.

»Illi, kif ingħad, biex tipprova l-preskrizzjoni akkwiżittiva trentenarja, l-esponenti tat ix-xiehda tagħha, kif ukoll xehdu Ġanni Azzopardi, Phyllis Portelli, Therese Zerafa, Josephine Buttigieg, Maria Xuereb u Mary Galea.

»Għaldaqstant, bħalma ngħad fir-rigward tal-preskrizzjoni *in buona fede*, huwa sottomess, li ġialadarba ddekorra t-terminu ta' preskrizzjoni in kwistjoni a favur tal-esponenti, ma setgħux sussegwentement l-atturi jitolbu li din il-proprjetà tmur in diviżjoni, jew inkella li

jirreklamaw drittijiet fuqha għaliex l-esponenti kienu akkwistaw bil-preskrizzjoni l-imsemmi sit.

»Illi bir-rispett, l-ewwel onorabbli aorti skorretament qalet li:

> »"… … … sa mid-data tal-kuntratt tal-31 ta' Awwissu 1965, it-talba għad-diviżjoni tal-assi ta' Lorenzo Xuereb, u għalhekk anke għall-kollazzjoni ta' din l-art fil-massa ereditarja, setgħet issir biss mid-data tal-mewt tiegħu li seħħet fis-6 ta' Lulju 1987. Sa dakinhar il-preskrizzjoni kienet neċessarjament għadha sospiża."

»Illi dan l-artikolu tal-liġi u *ossia* l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili jikkontempla li l-preskrizzjoni tista' titqies kemm akkwiżittiva kif ukoll estintiva. … … …

»… … …

»Illi b'dak li qalet l-ewwel onorabbli qorti, il-Qqrti injorat il-fatt li din il-preskrizzjoni hija kemm akkwiżittiva u kif ukoll estintiva, u fil-fatt ikkunsidratha bħala waħda estintiva biss.

»F'dan il-każ, biex tiddekorri l-preskrizzjoni kien sempliċiment meħtieġ id-dekors ta' tletin sena. Kien meħtieġ biss li l-esponenti tippossjedi l-proprjetà tagħha in kwistjoni bħala tagħha, u bl-intenzjoni li hija tagħha.

»Għalhekk, mingħajr preġudizzju għall-premess, u għall-grazzja tal-argument, jekk il-preskrizzjoni estintiva fuq id-dritt għall-kollazzjoni ta' din l-art fil-massa ereditarja kienet għadha sospiża sal-mewt ta' Lorenzo Xuereb, dan mhux il-każ għall-preskrizzjoni akkwiżittiva.

»Konsegwentement mill-provi prodotti jirriżulta li din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha għax tiġi milqugħa u applikata fil-każ odjern.«

15. Dan l-aggravju huwa fieragħ jekk mhux ukoll assurd. Il-kwistjoni ma hijiex jekk l-appellanti kisbitx il-proprjetà iżda jekk waqgħetx bi preskrizzjoni t-talba għall-kollazzjoni. It-talba għall-kollazzjoni tista' ssir biss meta jinfetaħ il-wirt, u mhux qabel. Ladarba l-azzjoni tista' tinfetaħ biss wara l-ftuħ tas-suċċessjoni, il-preskrizzjoni wkoll mill-ftuħ tas-suċċessjoni tibda tgħaddi, għax ma jagħmilx sens li azzjoni taqa' bi preskrizzjoni qabel ma tista' tiġi eserċitata. Ma għaddewx tletin sena minn meta miet il-missier fl-1987 u minn meta mietet l-omm fl-1999 sa meta nfetħet il-kawża fl-1999, u għalhekk iż-żmien għall-preskrizzjoni ma għaddiex.

16. L-eċċezzjoni għalhekk ma setgħetx tintlaqa', u dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

17. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, din il-qorti tiċħad l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza li minnha sar l-appell. Tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża.

18. L-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell tħallashom il-konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr